

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-20 ta' Frar 2019 — Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación S.A. vs Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI) y Artistas e Intérpretes o Ejecutantes, Sociedad de Gestión de España (AIE)

(Kawża C-147/19)

(2019/C 182/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación S.A.

Konvenuti: Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI) y Artistas e Intérpretes o Ejecutantes, Sociedad de Gestión de España (AIE)

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' "riproduzzjoni ta' fonogramm ippubblikat għal finijiet kummerċjali" li jinsab fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/100 ⁽¹⁾ u tad-Direttiva 2006/115 ⁽²⁾, jinkludi r-riproduzzjoni ta' fonogramm ippubblikat għal finijiet kummerċjali f'reġistrazzjoni awdjoviżiva li tinkludi l-iffissar ta' xogħol awdjoviżiv?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, entità ta' xandir televiżiv li tuża, għal kull tip ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, regjistrazzjoni awdjoviżiva li tinkludi l-iffissar ta' xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv li fiha huwa ppubblikat fonogramm għal finijiet kummerċjali, għandha l-obbligu tal-ħlas uniku u ekwu previst fl-Artikolu 8(2) ta' dawn id-direttivi?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 92/100 tad-19 ta' Novembru 1992 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettuali ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120.

⁽²⁾ Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettuali ĠU 2006, L 376, p. 28.

Appell ippreżentat fid-19 ta' Frar 2019 minn BTB Holding Investments SA u Duferco Participations Holding SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-11 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-100/17, BTB Holding Investments SA et Duferco Participations Holding SA vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-148/19 P)

(2019/C 182/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: BTB Holding Investments SA, Duferco Participations Holding SA (rappreżentanti: J.-F. Bellis, R. Luff, M. Favart, Q. Declève, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Foreign Strategic Investments Holding (FSIH)

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2018, BTB Holding Investments u Duferco Participations Holding vs Il-Kummissjoni (T-100/17);
- tirreferi lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-proċedura kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz tal-appell tagħhom mis-sentenza T-100/17, l-appellanti jsostnu li, fis-sentenza kkontestata, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat id-dritt għal smiġh xieraq meta ħarġet il-postulat li jgħid, "sabiex jiġi stabbilit li l-Kummissjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni [ekonomika kumplessa] tal-fatti ta' natura li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-provi prodotti mill-appellant għandhom ikunu suffiċjenti biex iċaħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjoni tal-fatti miżmuma fid-deċiżjoni inkwistjoni". L-appellanti jsostnu b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji dwar l-oneru tal-prova u l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fit-22 ta' Frar 2019 — FZ vs DER Touristik GmbH

(Kawża C-153/19)

(2019/C 182/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: FZ

Konvenuta: DER Touristik GmbH

Domanda preliminari

Il-pretensjonijiet ta' vjaġġatur kontra organizzatur tal-ivvjaġġar, taħt kuntratt tal-ivvjaġġar, għal tnaqqis fil-prezz minħabba nuqqasijiet fit-titjira marbuta ma' dewmien tat-titjira jikkostitwixxu pretensjonijiet għal kumpens ulterjuri skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004⁽¹⁾, u l-kumpens mogħti bħala riżultat tad-dewmien tat-titjira b'applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-Artikolu 7 tar-Regolament jista' jitnaqqas minn dawn il-pretensjonijiet skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jtilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).